**575. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne jipproponi:-**

Illi fis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2022 (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (a)), din id-Dikjarazzjoni u x-Xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 9 - Interruzzjoni ta' xogħol; u li d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 49 - Limiti ta' żmien għad-diskorsi — jew minn xi riżoluzzjonijiet oħra; u

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra:

(l) jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis, sew filgħodu, wara nofsinhar, kif ukoll filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern; u

(2) l-aġġornament ma jitteħidx.

28.09.21